# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru XXV**
**Illum it-Tnejn, 5 ta' Marzu, 2001**

**Appell Nru 286/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Claire Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Claire Falzon talli fis-7 ta' Mejju, 2000 ghall-habta tal-10.05 ta' filghaxija, fi Dragonara Road, Paceville, San Giljan u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, (**1**) saqet jew ippruvat issuq jew kellha kontroll ta' vettura nru. DAH-924 fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienitx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi, u (**2**) irrifjutat jew naqset milli taghti skond il-ligi kampjun tan-nifs;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta' Dicembru, 2000 li permezz tgahha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Claire Falzon hatja skond iz-zewg imputazzjonijiet, ikkundannatha multa ta' mitejn lira (Lm200), u skwalifikatha mill-licenzja tas-sewqan taghha ghal periodu ta' sitt xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Claire Falzon, minnha ppresentat fis-26 ta' Dicembru, 2000, li permezz tieghu talbet ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju tal-appellanti hu li ma giex sodisfacentement pruvat li hi kienet fil-fatt qed issuq il-vettura in kwistjoni. Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Mill-kumpless tal-provi jirrisulta abbundantement car li kienet l-appellanti li kienet qed issuq il-vettura DAH-924 ftit qabel ma marru fuqhom u kellmuhom is-Surgent 621 Calleja u l-Kuntistabbli 628 Sargent. Il-provi juru wkoll minghajr l-icken dubju li l-appellanti kienet xorbot hafna u kienet fis-sakra b'tali mod li ma kienitx f'kundizzjoni li ssuq. Dan hu konfermat mit-test

tan-nifs li ta *reading* ta' 119 mikrogramma. Kif din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tosserva diversi drabi, ghall-fini tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15A(1) tal-Kap. 65, jista' jittiehed in konsiderazzjoni anke r-risultat tat-test tan-nifs maghmul taht l-Artikolu 15C (a differenza tal-analizi tan-nifs taht l-Artikolu 15E) (ara f'dan is-sens ***Il-Pulizija v. Francis Pace*** App. Krim. 2/9/1999, ***Il-Pulizija v. Marlon Montebello*** App. Krim. 9/2/2001). Ghalhekk anke t-tieni aggravju tal-appellanti – u cioe` li ma rrisultax li hi ma kienitx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb – hu infondat. Huwa veru li fis-sentenza appellata hemm vers li donnu jghid bil-kontra, u cioe` li "l-imputata ma kienitx fi stat ta' sokor kif qalu l-Ufficjali tal-Pulizija"; pero`, apparti li dana l-vers ma hux parti mid-*decide* u din il-Qorti tissuspetta li hu zball dattilografiku, il-provi li semghet din il-Qorti – cioe` l-Qorti ta' l-Appell Kriminali – juru, kif diga inghad, bl-aktar mod car li l-appellanti kienet fis-sakra sew waqt li kienet qed issuq, b'mod li l-kapacita` taghha li ssuq sew kienet imnaqqsa (Art. 15A(2)).

It-tielet aggravju ta' l-appellanti hu li ma rrisultax pruvat li hi naqset jew irrifjutat li taghti kampjun tan-nifs ghall-analizi. Anke dana l-aggravju hu infondat. Il-fatt li persuna ma tkunx tista' tonfoh tajjeb minhabba l-istat ta' intossikazzjoni li tkun fiha, jew minhabba l-istat ta' eccitament li jahkimha ghax tkun habtet jew ghax tkun giet arrestata mill-pulizija, ma jammontax ghal "inkapacita` fizika jew mentali" li tezoneraha ghall-finijiet tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 15E tal-Kap. 65; b'mod li f'kaz simili ghandu jigi ritenut li jkun hemm "nuqqas" li wiehed jaghti l-kampjun tan-nifs kif rikjest bil-ligi (ara ***Il-Pulizija v. Joseph Bonnici*** App. Krim. 15/9/2000).

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu tal-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

(ft) Aldo Testeone
Deputat Registratur